# 75 sena mid-Dekorazzjoni tat-Tabernaklu

**John Magro**



Din is-sena t-tabernaklu tal-knisja Arċipretali tan-Naxxar jagħlaq 75 sena minn meta ġie ddekorat fuq ġewwa bi pjanċi tal-fidda u ħaġar prezzjuż. Dan ix-xogħol sar minn żewġ Naxxarin li huma magħrufin għas-sengħa tagħhom: id-disinn hu ta' Ġużeppi Grima u x-xogħol tal-arġentier Joseph Pirotta. Din l-opra ġiet irregalata lill-parroċċa mill-benefattur Robert Mizzi.

Kienet ix-xewqa tal-Kaptan Robert Mizzi u ta' ommu Vincenza li jissebbaħ it-tabernaklu minn ġewwa. Hu wera x-xewqa tiegħu lill-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Manwel Micallef, li min-naħa tiegħu aċċetta din it-talba. Għalhekk ġie avviċinat Ġużeppi Grima (Ta' Marikarm) biex jieħu ħsieb id-disinn kif ukoll jissorvelja l-proġett.

Dan kien jikkonsisti filli jinkesa t-tabernaklu minn ġewwa bi pjanċi tal-fidda u jiżżejnu b'disinni li fihom jitqiegħed xi ħaġar prezzjuż li l-Kaptan Mizzi kien jippossedi mill-wirt ta' ommu Vincenza. Saru erba' disinni differenti, wieħed għall-bieba fuq ġewwa, wieħed għas-saqaf, ieħor għad-daħar u tnejn għall-ġnub. Kellu jinħadem ukoll tilar jew tiratur tal-fidda sabiex il-pissidi li fihom jitqiegħdu l-ostji kkonsagrati jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar. Id-disinn ta' Grima hu fuq l-istil Barokk, kif jixraq lill-knisja tagħna.





L-eżekuzzjoni ta' dawn id-disinni tħalliet f'idejn l-arġentier Naxxari Joseph Pirotta (Tal-Parapajs). Meta tlesta x-xogħol kollu fuq it-tabernaklu dan intgħoġob ħafna. Nistgħu ngħidu li wara din l-opra, l-arġentier Pirotta beda jkollu diversi kummissjonijiet għal xogħlijiet fil-knejjes, kif ukoll xogħlijiet oħra dekorattivi. Meta t-tabernaklu tlesta minn kollox dan tqiegħed fuq l-artal ta' Santa Marija sabiex il-poplu jkun jista' jammirah.

It-tabernaklu tbierek mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. fis-26 ta' Awwissu 1939, fil-preżenza tal-kappillan Emmanuele Micallef, il-benefattur Robert Mizzi u l-imgħallmin li ħadmu fuqu. L-għada, fis-27 ta' Awwissu, is-Santissimu Sagrament ittieħed fuq l-artal ta' San Pawl fejn saret *Ora Santa* mill-Kan. Dun Karm Caruana tal-Kolleġġjata tan-Nadur. Wara, is-Sagrament ġie trasportat solennement taħt il-baldakkin akkumpanjat mill-kleru kollu għal fuq l-artal maġġur. Kif kien xieraq, Robert Mizzi, Ġużeppi Grima u Ġużeppi Pirotta akkumpanjaw wara l-baldakkin bit-torċi f'idejhom. Kif il-purċissjoni waslet fuq il-presbiterju tkanta t-*Te Deum* bħala ringrazzjament u ngħatat il-barka. Wara, is-Santissimu Sagrament tqiegħed għall-ewwel darba fit-tabernaklu l-ġdid fejn għadu jitqiegħed sal-ġurnata tal-lum.






Fuq it-tiratur tal-fidda nsibu din l-iskrizzjoni bil-Latin maqbula għall-Malti:

Frott tal-imħabba tiegħu lejna,
Hu li ħabbna għall-aħħar,
f'dan is-Sagrament tal-imħabba
taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid.
Hu li ta lilu nnifsu bħala ikel taċ-ċkejknin.
Dan it-tabernaklu tal-fidda nhadem bi mħabba
mid-deheb u ħaġar prezzjuż
ta' Vincenza armla Mizzi
mill-Belt Vittoriosa
mara mimlija virtù
u binha Robert
raġel ta' integrità u ta' fidi kbira.

Dan kollu qed jissemma biex
dawn it-tnejn jingħataw il-ħajr
li jixirqilhom bħala benefatturi
fi żmien il-kappillan Emmanuel Micallef
fis-sena 1939.

O Ġesù ħelu, ħobż tal-ħajja ta' dejjem,
sejjaħ lilna lkoll minn fost il-magħżulin tiegħek
biex ningħaqdu miegħek għal dejjem.

*Xi noti dwar il-benefattur u l-imgħallmin.*

**1. Robert Mizzi**



Robert Mizzi twieled il-Birgu fis-16 ta' Lulju 1879. Ta' għoxrin sena ingaġġa fir-Royal Malta Artillery. Fl-1900 kien promoss bħala Logotenent u ntbagħat jistudja l-Ingilterra. Fl-1916 kien promoss għal Acting Captain, fejn dam sal-1920. Hu żamm il-grad ta' Logotenent sakemm irtira fl-1925. Kien għall-ħabta tal-1918 meta ġie joqgħod in-Naxxar fi 62, Strada Ċelsi, illum Triq il-Markiż Scicluna. Miegħu ġiet toqgħod oħtu u t-tifla unika tagħha, Maria Violetta, li fl-1921 iżżewġet lill-Markiż John Scicluna. Malli ġie joqgħod in-Naxxar hu beda jieħu ħsieb il-festa ta' barra ta' Marija Bambina bħala prokuratur. L-armar il-qadim ta' barra ġie miżbugħ jew impitter mill-ġdid taħt id-direzzjoni tiegħu għaliex Robert Mizzi kien disinjatur u pittur. Kien hu li ddisinja s-saqaf u l-paviment tal-irħam tal-knisja tan-Naxxar. Kien iddisinja wkoll is-saqaf u l-koppla tal-knisja tal-Għargħur wara l-1924. Hu baqa' jaħdem f'din il-knisja sa mewtu.

**2. Ġużeppi Grima**



Twieled in-Naxxar fil-15 ta' Ottubru 1887. Għaraf jużа t-talenti tiegħu sabiex iżejjen it-tempju li kien tant għal qalbu. Kien disinjatur, mastrudaxxa, restawratur u fjorista magħruf. Id-disinni tiegħu nsibuhom f'xogħol fil-ħadid u *ferro battuto*, fl-injam, fir-rakkmu u fil-bizzilla. Fil-knisja parrokkjali għandna diversi fjuretti sbieħ minn tiegħu li narawhom fuq l-artali mhux biss fi żmien il-festa iżda anke fil-festi ta' matul is-sena. Kien hu li rrestawra l-pulptu meta ġratlu ħafna ħsara meta kien waqa' l-armar fuqu fl-1921. Hija ħaġa kurjuża li l-Kaptan Mizzi, minkejja li kien disinjatur, ħalla x-xogħol tat-tabernaklu f'idejn Ġużeppi Grima.

**3. Joseph Pirotta**



Twieled in-Naxxar fil-15 ta' Mejju 1905. Joseph kien arġentier magħruf u diversi xogħlijiet tiegħu għadhom jistgħu jitgawdew sal-lum f'diversi knejjes madwar Malta. Huwa ħa kors fil-Marine Engineering fl-Istitut Vincenzo Bugeja u wara tgħallem is-sengħa ta' arġentier. Ta' ħmistax-il sena, fl-1920, beda jaħdem bħala apprentist mad-ditta Giuseppe Madiona f'Tas-Sliema. Bejn l-1926 u l-1927 ta sehmu fix-xogħol tal-kuruna tal-fidda tal-pavaljun ta' Marija Bambina, li kienet qed tinħadem għand l-istess ditta. Il-kuruna kienet kummissjonata mill-Markiż John Scicluna. F'Novembru 1929 Ġużeppi ġab il-*warrant* sabiex ikun jista' jaħdem bħala arġentier u fetaħ ħanut żgħir għal rasu fi Strada Santa Lucia, kantuniera ma' Strada Żenqa. Meta ħadem it-tabernaklu kellu 33 sena. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieba Ġużeppi naqqax ismu (G. Pirotta ARG) kif ukoll dak ta' Ġużeppi Grima (G. Grima Pinx 1938) bħala d-disinjatur ta' din l-opra. Pirotta kien membru tal-Malta Society of Arts, Manufacturers and Commerce, li onoratu b'diversi diplomi u medalji għax-xogħlijiet artistiċi tiegħu.